II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1271

tal-11 ta' Settembru 2020

li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 8 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

Billi:

— il-baġit tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2020 ġie adottat definittivament fis-27 ta' Novembru 2019 ([2]);

— fit-28 ta' Awwissu 2020, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 8 għall-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2020;

— sabiex jagħmel disponibbli b'mod urġenti biżżejjed approprjazzjonijiet ta' pagament taħt l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza (ESI) fl-2020 biex ikopri l-impenji rilevanti kollha li l-Kummissjoni ser tieħu fi żmien qasir mal-manifatturi tal-vaċċini f'isem l-Istati Membri, kif ukoll l-azzjonijiet l-oħra li għaddejjin taħt l-ESI, u biex ikun jista' jkopri l-applikazzjonijiet għal pagament mistennija li għandhom jitħallsu fl-2020 taħt l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus (CRII+), il-Kunsill jeħtieġ li jipproċedi mingħajr dewmien bl-adozzjoni tal-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 8 għall-baġit ġenerali għall-2020. Għaldaqstant, huwa ġġustifikat li jitqassar il-perijodu ta' tmien ġimgħat għall-informazzjoni tal-Parlamenti nazzjonali kif stipulat fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1, f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 8 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020 ġiet adottata fil-11 ta' Settembru 2020.

([1]) ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
([2]) ĠU L 57, 27.2.2020, p. 1.

Jista' jinkiseb aċċess għat-test sħiħ għall-konsultazzjoni jew għat-tniżżil mis-sit web tal-Kunsill: http://www.consilium.europa.eu/.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Settembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH